

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

DIRETTORAT ĠENERALI - POLITIKI INTERNI

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

AVVIŻ lill-MEMBRI

Mistoqsija li titlob tweġiba orali nru 11/6/2007 minn Ms Satu Hassi

Skond l-Artikolu 187 tar-Regoli ta' Proċedura, jekk jogħġbok sib hawn taħt mistoqsija li titlob tweġiba orali lill-Kummissjoni.

**Suġġett: Dwar l-awtorizzazzjoni tal-qamharrun GM MON 863
bħala ikel, ingredjent ta' l-ikel jew għalf**

It-testijiet tossikoloġiċi tal-varjetà tal-qamharrun MON 863, ġenetikament modifikata, tal-kumpanija taż-żerriegħa MONSANTO riċentament ġew analizzati mill-istitut indipendenti tar-riċerka CRIIGEN. Ix-xjentisti waslu għall-konklużjoni li l-varjetà GM tal-qamharrun tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u stqarrew li sabu nuqqasijiet serji fl-irrappurtar tad-danni li saru lill-firien fosthom stima baxxa ta' diversi effetti abnormali fuq il-fwied, il-kliewi, id-demm u l-livell ta' l-ormoni li jistgħu jwasslu għal riskji serji għas-saħħa.

Il-Kummissjoni liema konklużjonijiet se tilħaq fuq il-bażi ta' dawn l-analiżi allarmanti? Il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipju ta' prekawzjoni u tneħħi l-awtorizzazzjonijiet għal din il-varjetà ta' qamharrun ġenetikament modifikata?

Liema konklużjonijiet se tilħaq il-Kummissjoni bbażati fuq il-falliment ta' l-EFSA li tevalwa b'mod sħiħ l-istudji tossikoloġiċi ppreżentati fil-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni? Il-Kummissjoni meta se tibda r-riforma ta' l-EFSA meħtieġa mill-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ambjent ta' Ġunju 2006?

Is-27 ta' Marzu 2007